PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10325 – KRONOSPAN / PFLEIDERER POLSKA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 87/03)

1. Fil-15 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kronospan Holdings P.L.C ("Kronospan", Ċipru),

— Pfleiderer Polska sp. z.o.o ("Pfleiderer Polska", il-Polonja), li tappartjeni għall-Pfleiderer Group.

Kronospan takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Pfleiderer Polska kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Kronospan hija manifattur u fornitur ta' pannelli b'bażi ta' injam u l-prodotti ta' valur miżjud ulterjuri tagħhom ipproċessati. B'mod partikolari, Kronospan timmanifattura u tiddistribwixxi pannelli tal-partiċelli mhux maħduma u miksija (flimkien imsejħa particle board, PB), pannelli ta' densità medja (medium-density fibreboard, MDF), pannelli ta' densità għolja (high-density fibreboard, HDF) inkluż HDF irqaq u vverniċjati HDF (thin-HDF, T-HDF u lacquered-HDF, L-HDF), uċuħ tax-xogħol (elementi/komponenti postforming, flimkien il-Komponenti), pavimenti laminati, laminati dekorattivi, u pannelli b'filamenti orjentati,

— Pfleiderer Polska hija manifattur u fornitur ta' firxa ta' prodotti tal-injam maħdum u prodotti lesti tal-wiċċ, jiġifieri PB, T-HDF u L-HDF u l-Komponenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10325 – KRONOSPAN / PFLEIDERER POLSKA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË